# IT-TIELET PARTI
# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

**11 ta' Jannar, 1991**

**Imħallef: –**

**Joseph Said Pulliccino B.A., (Hons.), LL.D.**

Antonia Vella

*versus*

Joseph Camilleri *et*

## Kolliżjoni - *Inċident Stradali* - Karozza - *Danni* - *Delitt* - Kważi-Delitt - Negliġenza - Sid - Sewwieq

*Kawża għad-danni naxxenti minn inċident stradali. L-attriċi fittxet sija lis-sewwieq involut fl-inċident kemm ukoll lis-sewwieq responsabbli għall-inċident, sabet li azzjoni bażata fuq id-delitt jew kważi delitt ma setatx tiġi ntentata kontra sid il-karozza.*

Il-Qorti: – Rat iċ-ċitazzjoni presentata fid-29 ta' Settembru 1986, li biha l-attriċi wara li ppremettit li l-konvenut Joseph Camilleri waqt li fit-30 ta' Novembru 1985, kien qed isuq karozza *Morris Oxford,* numru tar-reġistrazzjoni C-2828, minn Mosta Road Ħal-Lija, minħabba traskuraġni, negliġenza u inosservanza tar-Regolamenti tat-Traffiku tas-Sewqan, ħabat

mal-karozza *Ford Escort*, numru tar-reġistrazzjoni G-0873, misjuqa minn ċertu Angelo Stellini, u li fiha l-attriċi kienet passiġġiera; u oltre li ikkaġuna danni konsiderevoli fil-karozza, korra gravament lill-attriċi; u peress li din il-karozza fil-ħin tal-inċident kienet liċenzjata f'isem il-konvenut l-ieħor Carmel Muscat, li allega li huwa kien biegħha lil terzi u ma kinetx tiegħu, iżda naqas li jagħmel it-*transfer* relattiv skond il-liġi, u wara li ppremettiet li minħabba dan l-aħħar nuqqas, il-kumpanija assiguratriċi qegħda tikkontendi li ma hiex tenuta tħallas id-danni hekk sofferti mill-attriċi; u peress li kaġun ta' dawn id-danni l-attriċi inkorriet ħafna spejjeż ta' mediċini u simili, u anke sofriet danni oħra; u peress li l-konvenuti inutilment ġew interpellati biex iħallsu d-danni hekk sofferti, **talbet** prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja, senjatament dik li l-ħabta in eżami saret unikament bi ħtija tal-konvenut Joseph Camilleri, għaliex m'għandhomx jiġu il-konvenuti kundannati iħallsu lill-attriċi in lineja ta' danni hekk minnha sofferti *in solidum* bejniethom, dik is-somma hekk likwidata, *okkorendo per opera* ta' periti eliġendi - bl-interessi legali kontra l-konvenuti w bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Illi l-azzjoni attriċi hi diretta kontra żewġ konvenuti. Kontra Joseph Camilleri li kien id-*driver* tal-vettura Morris Oxford, C-2828, li kienet involuta fl-inċident tat-30 ta' Novembru 1986, mal-karozza Ford Escort G-0878 misjuqa minn Angelo Stellini w li fiha kienet riekba l-attriċi. Kontra Carmel Muscat li kien, almenu fil-mument tal-inċident, il-persuna li fuq ismu kienet għadha liċenzjata l-Morris Oxford in kwantu t-*transfer* kien

għadu ma sarx għal fuq il-konvenut l-ieħor Camilleri li kien xtraha minn terzi. L-attriċi qed titlob il-likwidazzjoni tad-danni u l-kundanna taż-żewġ konvenuti solidament bejniethom għall-pagament tagħhom wara li ssir id-dikjarazzjoni li l-ħabta in eżami saret unikament bi ħtija tal-konvenut Camilleri;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Ċertament din il-Qorti ma tistax taċċetta l-eċċezzjoni tal-konvenut Camilleri illi hu ma hux responsabbli għad-danni sofferti mill-attriċi u li għandu jirrispondi għalihom il-konvenut l-ieħor Carmelo Muscat li fuq ismu kienet liċenzjata l-karozza C-2828. Stabbilita r-responsabilità tal-konvenut Camilleri għall-inċident, dan ma jistax jeħles mill-ħtija tiegħu fuq il-pretest li l-karozza li kien qed isuq hu stess kienet għada liċenzjata fuq ħadd ieħor. Anki kieku jiġi ammess bħala provat li t-*transfer* tal-vettura ma sarx b'xi ħtija tal-konvenut Muscat, dan xorta ma jiskolpax lill-konvenut Camilleri. Hu ċar li l-azzjoni tentata mill-attriċi hi, kif eċċepixxa l-konvenut Muscat, bażata fuq id-delitt jew il-kważi-delitt ġenerat min-negliġenza, traskuraġni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tad-*driver* Camilleri. Il-konvenut għandu jirrispondi għal dawn id-danni mhux għaliex għandu jwieġeb ċivilment għal ħsara li kkaġuna in kwantu kien il-proprjetarju tal-vettura li kien isuq, imma biss għax hu responsabbli direttament għal konsegwenzi tas-sewqan traskurat u perikoluż tiegħu. Ir-responsabilità ċivili tal-konvenut Camilleri għad-danni kaġunati minnu hi kjarament fit-termini tal-ewwel talba attriċi w toħroġ ċara mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 1031 *et seq.* tal-Kodiċi Ċivili;

*Ikkunsidrat:*

Li jonqos biss li jiġi stabbilit hu jekk it-talbiet attriċi jistgħux ireġġu fil-konfront tal-konvenut Muscat. L-attriċi qed tippretendi li l-konvenut Muscat hu solidament responsabbli għal ħlas ta' dawn id-danni flimkien mal-konvenut Camilleri in vista li l-vettura kienet għadha reġistrata fuq ismu;

*Omissis;*

Apparti dan kif diġa ġie aċċennat, il-kawża hi waħda bażata fuq id-delitt jew il-kważi-delitt u mhux fuq il-ksur ta' relazzjoni kontrattwali ta' polza ta' assikurazzjoni jew il-validità tagħha o meno. Veru li fil-premessi l-attriċi tgħid bħala fatt li l-kumpanija assikuratriċi kienet qed tirrifjuta li tħallas id-danni, imma ma talbet l-ebda dikjarazzjoni ta' responsabilità fil-konfronti tal-konvenut Muscat minħabba xi inadempjenza tiegħu. Din ma hiex kawża dwar *avoidance* ta' polza ta' assikurazjoni. Il-kumpanija assikuratriċi ma hiex parti f'din il-kawża u ma jistax għalhekk jiġi indagat jekk hiex obbligata li tissodisfa l-*claim* tal-attriċi taħt il-polza eżistenti, dejjem jekk dan huwa il-kaz;

Hu ċar li l-konvenut Muscat ma jistax jinżamm responsabbli għal danni f'inċident meta hu stabbilit li bl-ebda mod ma kien involut fih. Il-Qorti taqbel mal-interpretazzjoni tal-perit legali li l-artikolu 25 tar-Regolamenti dwar il-vetturi bil-mutur (*legal notice* 24 tal-1948 kif sussegwetement emendat) ma tistax tiġi estiża *oltre* dik tal-artikolu 65 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap 10), li bis-saħħa tiegħu ġew maħruġa r-Regolamenti. Skond il-liġi prinċipali l-persuna li tonqos li tottempera ruħha mal-

provvedimenti li jassiguraw it-*transfer* tal-liċenzja tal-vettura tibqa' soġġetta għad-disposizzjonijiet ta' dak il-Kodiċi ċjoè tal-Kodiċi tal-Pulizija. Ir-responsabilità tiegħu però, testendi biss għal dak li hemm provdut fl-*Enabling Law* u ma tistax tiġi estisa oltre, kif donnu qed tippretendi l-attriċi. L-eċċezzjoni tal-konvenut Muscat hi għalhekk valida u għandha tiġi akkolta;

*Għal dawn il-motivi il-Qorti, prevja l-adozzjoni tar-*rapport u konkluzzjonijiet peritali, tiddeċidi din il-kawża billi:

(1) Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Camilleri,

(2) Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Muscat u tiddikjarah mhux responsabbli għad-danni reklamati mill-attriċi,

(3) Tilqa' it-talbiet attriċi billi (a) tiddikjara lill-konvenut Camilleri unikament responsabbli għall-inċident li ġara fit-30 ta' Novembru 1985 li fih l-attriċi soffriet danni liema inċident ġara' b'negliġenza, traskuraġni u *nuqqas ta' osservanza tar-*Regolamenti tat-Traffiku da parti tiegħu (b) tillikwida dawn id-danni fis-somma globali ta' LM1,448 (elf erbgħa mija u tminja u erbgħin lira maltin) u dana komplessivament kif fuq spjegat u (ċ) tikkundanna lill-konvenut Camilleri iħallas lill-attriċi din is-somma hekk likwidata. L-interessi jibdew jiddekorru b'effett mill-lum;

L-ispejjeż tal-kawża, inklużi dawk tal-parti legali w ir-reġistru, jitħallsu kollha mill-konvenut Camilleri barra dawk riferibilment għall-konvenut Muscat li għadhom jitħallsu mill-attriċi.